# LEĦEN IS-SANTWARJU TA' ĦAŻ-ŻABBAR

ĠUNJU 2021 – Ħarġa Nru: 192



*Il-Kelma tal-Arċipriet...*

## X'INHU JIĠRI?!

Waqt li bħalissa għaddejjin bit-tberik, waħda mill-weġgħat li ninnota fil-ġenituri pjuttost avvanzati fl-età hi, meta jsemmgħu li xi ħadd minn uliedhom issepara. Ilkoll nafu li r-rata ta' dawk li jisseparaw fiż-żwieġ qed togħla. Waħda mill-mistoqsijiet li nagħmlu hi: Imma għaliex qed iseħħ dan kollu? X'inhi r-raġuni?

F'każijiet bħal dawn, qatt ma jkun hemm raġuni waħda, iżda diversi. Ftit ikunu dawk il-koppji li ġew mogħtija parir minn qabel biex ma jiżżewġux għax ma kienux għal xulxin, u xorta jiżżewġu biex imbagħad ma jkomplux.

**Traskuraġni**

Il-parti kbira tal-koppji jidħlu għaż-żwieġ b'entużjażmu, bix-xewqa li jibqgħu flimkien iżda, jittraskuraw il-ħin flimkien u tinxef il-komunikazzjoni bejniethom. Ilkoll nammettu li llum il-ħajja saret mgħaġġla: il-koppja trid tlaħħaq max-xogħol, ġieli anke l-part-time, ħafna drabi minħabba l-loan, il-manutensjoni tad-dar, ix-xogħol tad-dar, il-ġiri tat-tfal minn post għall-iehor, u elf ħaġa oħra.



Dan iwassal biex jippruvaw ilaħħqu ma' ħafna ħwejjeġ u … jittraskuraw ir-relazzjoni ta' bejniethom – l-aktar ħaġa importanti fiż-żwieġ! Nissuġġerixxu li kull koppja, issib mill-anqas għaxar minuti fil-ġurnata biex waħedhom, jaraw kif ikunu sejrin fil-ħajja tagħhom. Japprezzaw, jikkumplimentaw, jinkuraġġixxu 'l xulxin … kif ukoll, jikkoreġu lil xulxin bl-imħabba biex b'hekk, titjieb ir-relazzzjoni tagħhom bħala koppja. Tajjeb li jtemmu dawn l-għaxar minuti b'talba jew ħsieb li jgħinhom fl-għaqda ta' bejniethom.

**Jew tikber jew tmur lura**

Jekk ir-relazzjoni ma tikbirx ftit ftit kuljum, tibda tmur lura u jinħoloq ċertu vojt fil-ħajja. In-natura tal-bniedem, dan ma taċċettahx! Dal-vojt irid jimtela' jew b'xi persuna oħra, jew b'aktar xogħol, jew b'ħin itwal għall-passatemp, jew bil-ħbieb, jew b'xi vizzju … Dan iwassal biex il-koppja titbiegħed aktar minn xulxin bil-konsegwenzi li lkoll nafu x'inumha.

Barra dawn l-għaxar minuti flimkien kuljum, nissuġġerixxu wkoll il-Quddiesa tal-Ħadd li hi importantissima. Fiha jisimgħu l-Kelma t'Alla li tista' tinkuraġġihom, iċċanfarhom jew anke tissuġġerilhom triq ġdida f'ħajjtihom; jitqarbnu, jersqu lejn is-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni … Dan kollu jgħin biex bħala koppja jinbnew kemm fuq livell uman kif ukoll ukoll dak spiritwali.

**Garanzija**

Jekk dawn iż-żewġ pilastri – il-ħin flimkien ta' kuljum u l-ħin għall-Mulej fil-Jum tal-Ħadd, iwettquhom b'mod regolari, ikollhom garanzija li jibqgħu flimkien minkejja d-diffikultajiet li jiltqagħu magħhom. Jekk jittraskurawhom, m'għandhom l-ebda garanzija għax il-vojt li jkunu qed iħossu, iridu jimlewh bi ħwejjeġ li ma jistgħux jissoddisfaw ir-relazzjoni tagħhom.

Nitolbu għall-koppji kollha sabiex jagħrfu l-pjan t'Alla għalihom u jippruvaw iwettquh għall-ġid tagħhom u tal-familji tagħhom.

***Dun Evan***

**L-INTENZJONI TAL-PAPA GĦAL ĠUNJU…**
Nitolbu għaż-żgħażagħ li qed iħejju ruħhom għaż-żwieġ bis-sostenn tal-komunità nisranija: Jalla jikbru fl-imħabba, fil-ġenerożità, fil-fedeltà u s-sabar ma' xulxin.

## NILTAQGĦU NHAR … ĠUNJU 2021

**Tlieta 1:** San Ġustinu, martri – Tifkira O
**Ħamis 3:** San Karlu Lwanga u sħabu, martri – Tifkira O
**Ġimgħa 4:** *L-ewwel Ġimgħa tax-xahar.* Wara l-quddiesa tas-6.30pm ħin ta' adorazzjoni u Barka
**Ħadd 6:** **Solennità tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej – Corpus Domini.** Fil-5.30pm Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija minn Dun Stephen Magro u wara purċissjoni bis-SS.mu Sagrament mal-knisja u barka Sagramentali
**Tnejn 7:** *Is-Sette Giugno* – festa nazzjonali u pubblika. Quddies bħal nhar ta' xogħol
**Erbgħa 9:** Fis-7.15pm laqgħa għal-Letturi u Animaturi fis-santwarju
**Ħamis 10:** Fis-7.00pm laqgħa għar-romol
**Ġimgħa 11:** **Solennità tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù.** Nesponu 'l Ġesù Ewkaristija wara l-quddiesa tat-8.30am sa 12.00pm għall-adorazzjoni privata. Nerġgħu nesponu fl-4.30pm sas-6.30pm meta tibda Konċelebrazzjoni Solenni. Wara purċissjoni bis-SS.mu Sagrament, Konsagrazzjoni tal-parroċċa lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù u barka Sagramentali.
**Sibt 12:** Il-Qalb bla Tebgħa tal-Imqaddsa Verġni Marija – Tifkira O
**Ħadd 13:** **Il-11-il Ħadd ta' matul is-sena**
**Tnejn 14:** Fis-7.15pm ripetizzjoni tal-laqgħa għal-Letturi u Animaturi
**Il-Ħadd 20:** **It-12-il Ħadd ta' matul is-sena**– *Jum il-Missier*
**Tnejn 21:** San Alwiġi Gonzaga – Tifkira O
**Ħamis 24:** Solennità tat-Twelid ta' San Ġwann Battista. Fis-7.00pm laqgħa għar-romol
**Ħadd 27:** **It-13-il Ħadd ta' matul is-sena**
**Tnejn 28:** San Irinew, isqof u martri – Tifkira O
**Tlieta 29:** **Solennità tal-Martirju tal-Appostli SS Pietru u Pawl** – festa pubblika. Xieraq li nqaddsu dan il-jum bis-smigħ tal-quddies li jkun bħal nhar ta' xogħol.

### INGĦAQDU MAL-MULEJ GĦAL DEJJEM

Grazia Zaffarese (81), Lelina Cassar (91), Emmanuel Mercieca (67), M'Grazzja Testa (74), Felix Agius (73), Alfred Scicluna (83), Tony Mercieca (71) u Michael Camilleri (78).
*Agħtihom, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.*